**Il-Madonna ta’ Guadalupe – Madonna li ħadet stessu (selfie) ħaj.**

Editorjal li qrajt fil-Malta Missjunarja fuq din il-Madonna nebbaħni biex nikteb din il-ġrajja li seħħet fil-Messiku eżattament fid-9 ta’ Diċembru 1531 kważi ħames mitt sena ilu. Minn kemm għandna xbiehat tal-Madonna fid-dinja kollha ġew impittra bl-idejn tan-nies imma din ix-xbieha ta’ Guadalupe ma pinġewhiex in-nies imma l-Madonna stess. Il-kelma Guadalupe bl-ilsien tan-nies tal-post tfisser *tisħaq ras is-serp* kif hemm miktub fil-Ġenesi 3:15.

In-nies ta’ fejn ġrat din li se nirrakkontaw kienu l-Aztecs ċivilta’ qawwija ħafna fl-Amerika Ċentrali bejn l-1325 u l-1521 sakemm invadewhom l-armata Spanjola taħt Herman Cortez.



Kien is-Sibt 9 ta’ Diċembru 1531 u ċertu raħħal twajjeb Juan Diego kien sejjer lejn il-għolja Tepejac biex jassissti għall-quddiesa. Huwa u sejjer iterraq qalb il-mogħdijiet madwar disa’ mili jisma’ kant ħlejju bħal ta’ ħafna għasafar ġej minn fuq il-quċċata li kien miexi lejha hu. Ħaseb li qiegħed il-ġenna u beda riesaq lejn minn fejn kien ġej dak il-għana. F’daqqa waħda waqa’ skiet kbir u jisma’ leħen ġej mill-quċċata ta’ l-għolja fejn kien u hemm jara tfajla l-ġmiel tagħha. Sejħitlu biex jersaq lejha u kif kien qribha seta’ jara s-sbuħija u x-xbieha perfetta tagħha li ebda bniedem ma jista' qatt jimmaġina.

Il-libsa tagħha kienet qed tiddi bħax-xemx u saħansitra l-art li kienet fuqha kienu ħerġin raġġi ta’ dawl minnha. Kienet xena tal-ġenna, bil-fjuri, ħaxix u zkuk li kien hemm mad-dwar jilmaw bħad-deheb.

Juan niżel għarkubtejh u miblugħ kif kien seta’ jisma’ leħinha ħlejju u melodjuż jgħidlu: ***Juan ibni l-għażiż kun af li jiena l-Imqaddsa Verġni Marija u Omm Alla. Jiena nixtieq li tibnuli dar żgħira hawnhekk fejn inkun nista’ ngħolli u nfaħħar lil Alla u fejn in-nies kunu jistgħu iqimuh u jitolbuni l-għajnuna fil-miżerji tagħhom, fid-dwejjaq tagħhom u f’kull dak kollu li jkollhom bżonn u jiena nismagħhom. Mur għand l-Isqof u għidlu biex jibnuli kappella hawnhekk u għarrfu b’dak kollu li għidtlek.***

Juan ħaffef u mar għand l-Isqof Zamarra patri Franġiskan u għarrfu b’dak kollu li kienet qaltlu l-Madonna. Naturalment l-Isqof ma emmnux u qallu li jekk dan kollu hu minnu għidilha tagħtik sinjal li din hi l-verita.

L-għada Juan reġa’ mar jiltaqa’ mal-Madonna u qallha li l-Isqof ried sinjal minn għandha. Hi qaltlu biex jerġa’ jmur l-għada 11 ta’ Diċembru u tagħtih dak li jrid.

Issa ġara li Juan kellu zijuh marid gravi Juan ġie bejn ħaltejn jekk imurx ħdejn zijuh jew iżomm l-appuntament li kellu mal-Madonna. Imma billi zijuh qaleb għall-agħar Juan mar ifittex saċerdot biex jamministralu l-aħħar sagramenti.

L-għada 12 ta’ Diċembru Juan ma riedx jgħaddi minn fejn kellu jiltaqa’ mal-Madonna għax staħa billi ma kienx żamm l-appuntament li kellu magħha u għalhekk għadda minn trejqa oħra imma l-Madonna kienet qed tistennih, waqfitu u qaltlu: ***Jien mhux hawn, qegħda jien li jiena ommok? M’intix taħt id-dell tal-protezzjoni tiegħi? Mhux jien il-għajn tal-ferħ tiegħek? M’intix qiegħed għal kenn tal-mantar tiegħi u f’dirgħajja? Tinħtieġ xi ħaġa iżjed? Tħalli xejn li jikkonfondik jew jinkwetak.***



Dak in-nhar seħħew żewġ mirakli. Wieħed li zijuh fieq għal kollox u l-ieħor li l-Madonna qalet lil Juan biex imur fuq l-għolja Tepejac u minn hemm jiġbor xi fjuri biex jeħodhom lill-Isqof. Kienet ix-xitwa u

f'Diċembru ma jikbrux fjuri fuq dik l-għolja u l-ward li sab Juan mhumiex endemiċi tal-Messiku imma ssibhom fi Spanja u l-Isqof kien Spanjol! Juan firex it-tilma (speċi ta' mantar) li kien liebes u l-Madonna rranġat hi stess il-ward ġo fiha u tathom lil Juan biex jeħodhom għand l-Isqof.

Din it-tilma li kien liebes Juan kienet magħmula minn fibra ta' cactus li jikber fil-Messiku. Kienet raffa u mill-aktar ordinarja speċi bħal dawk l-ixkejjer ta' dari li kienu jkunu bil-ħaxix u li żgur ħadd ma joħlom ipinġi kapulavur tiegħu fuq materjal ta' din ix-xorta. Imma l-Madonna ħasbitha xort'oħra. Mela Juan b'ġirja waħda baqa' sejjer għand l-Isqof u wara ħafna stennija seħħlu jidħol għandu. Malli dan Juan firex it-tilma u l-ward li kienu fiha waqgħu ma' l-art. Hekk kif waqgħu dehret fuq it-tilma xbieha tal-Madonna l-ġmiel tagħha. Dan kien it-tielet miraklu li seħħ fit-12 ta' Diċembru 1531. Minn dak in-nhar sallum il-Madonna għadha tagħmel mirakli ma' kulmin jitlobha.

Wara Juan sar jaf li zijuh veru kien fieq għax il-Madonna marret hi stess ħdejh u fejqitu. Miraklu ieħor li seħħ ftit wara kien li ċertu wieħed Indjan kien ferut gravi f'għonqu bi vleġġa. Ħaduh ħdejn ix-xbieha tal-Madonna u dan fieq dak il-ħin stess.

Din hija l-istorja fuq fuq ta' kif seħħet din il-ġrajja. Il-kbir ta' din ix-xbieha għadu ġej. Ninnutaw ukoll li l-Papa Ġann Pawl II iddikjara lil Juan qaddis fis-sena 2002 meta mar iżur Guadalupe.

Dr. Orozco li eżamina ix-xbieha tat-tilma fl-1666 u għat-tieni darba fl-1751 sab li għalkemm il-materjal tat-tilma hu mill-aktar ordinarju u goff minn taħt imma fejn hemm ix-xbieha huwa fin u artab daqs l-aqwa ħarir. Dan il-materjal ma jservix aktar minn tletin sena u din ilha kważi mal-ħames mitt sena u għadha kif kienet oriġinarjament. Fil-fatt damet aktar minn 165 sena mingħajr protezzjoni ta' xejn u bejn id-duħħan ta' miljuni ta' xemgħat, il-bews tad-devoti u l-umdita ta' l-arja fejn kienet dawn xorta ma affettwawhiex. Saħansitra l-lewn ikħal tal-mant tagħħa, li hu l-ewwel lewn li jitfi, baqa' sabiħ bħal ma kien l-ewwel darba.

Wara testijiet li għamlu xjenzjati tan-NASA fuqha minn mija u ħdax il-materjal li jeżisti sabu li ż-żebgħa (!) tax-xbieha li ntużat la hi ta' ħxejjex, la ta' minerali u ta' xejn li jeżisti fid-dinja. Sabu wkoll li l-kuluri m'humiex imissu direttament mat-tilma imma qegħdin ħarira 'l fuq mid-drapp.

Bili l-Aztecs kienu jużaw speċi ta' figuri meta kienu jridu jiktbu xi ħaġa u mhux ittri bħalna malli raw din ix-xbieha mill-ewwel għarfuha x'kienet tfisser u x'riedet tgħid il-Madonna. L-ewwel ħaġa li nnotaw kienet li l-Madonna kienet tqila mis-simboli tal-libsa u mit-terħa li kellha madwar qaddha. Kull mara kienet tilbes din it-terħa madwar qaddha u meta tkun tqila din tkun sewda - bħal tal-Madonna.

Ħaġ'oħra. Skond din x-xbieha hi li l-Madonna kienet twila madwar erba' piedi u tmien pulzieri u li l-eta' tagħħa madwar ħmistax jew sittax-il sena. Billi kellha xagħarha lixx fuq spallejha ifisser li kinet verġni.



Kienet mara libsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha (Apok. 12.1). Hija liebsa tlett ilbies differenti: blouse abjad minn taħt, libsa ħamranija u fuqha mantar turqouise. Il-kuluri huma bħal ta' xi prinċipessa Indjana. Il-lewn tal-mantar hu turkważ u dan kien jilbsu biss l-imperatur. Għalhekk l-Aztecs fehmu li dik ix-xbieha hija ta' imperatriċi. U huwa wkoll lewn is-sema. Mela l-Madonna s-sema pajjiżha.

Il-libsa ħamranija hija l-istess lewn tal-ħamrija li hemm fejn dehret fin-New Mexico. Ifisser mela li l-Madonna hija reġina ta' din l-art ukoll. Fejn riġlejha hemm anġlu żgħir qed jaqbad tarf il-libsa (id-dinja) u bl-id l-oħra

qed jaqbad il-mantar (is-sema). Ifisser li l-Madonna qed tgħaqqad kemm dak li hu divin u kemm dak li hu materjali.

Fatt ieħor straordinarju kien li wieħed raġel ried jeqred din ix-xbieha darba għal dejjem



u għalhekk poġġa bomba qawwija ħafna ġo bukkett fjuri fuq l-artal taħt l-inkwadru fejn kienet it-tilma. Meta splodiet tant kienet qawwija li kissret il-ħġieġ kollu ta' madwar saħansitra tal-bini qrib, kurċifiss tal-bronż li kien qrib tgħawweġ S u l-artal inqered għal kollox ukoll. Meta t-trab batta u nies daħlu biex jaraw x'ġara baqgħu miblugħin għax il-Madonna ma ġralha assolutamnet xejn lanqas il-ħġieġa li kien hemm quddiemha ma ġralha ebda ħsara. Ġesu kien li laqa' d-daqqa biex ipproteġa lil Ommu għalhekk il-kurċifiss ġralu li ġralu. Illum hemm kurċifiss ieħor floku jiddefendi lil Ommu.

Każ ieħor kurjuż jew miraklu hu li wieħed ħaddiem kien qed inaddaf il-gwarniċ u aċċidentalment laqat l-aċidu li kien qed juża u waqa' fuq it-tilma. Il-ħaddiem kważi ħassu ħażin meta ra x'kien ġara u l-ħsara li basar li se ssir imma t-tilma ma ġralha xejn għajr tebgħa ħafifa fir-rokna ta' fuq tal-lemin. Anki din kulma jmur qed tispiċċa fix-xejn. Kieku kienet biċċa drapp oħra kienet tinħaraq fil-pront.

Fl-1929 Alfonso Gonzales fotografu tal-basilica ta' Guadalupe innota li fil-għajn tal-lemin tal-Madonna kien hemm xbieha ta' raġel bid-daqna. Fl-1956 u anki fl-1958 Rafael Toria Lavoigner sab li anki fl-għajn tax-xellug kien hemm xbieha ta' persuni.



Fl-1979 Dr Jose Aste Tousman espert tal-computers ikkonferma dak li kienu sabu ta' qablu. Huwa kabbar l-għajnejn tal Madonna 25,000 darba bi strumenti li jintużaw min-NASA biex jistudjaw ritratti li jintbagħtu mill-ispazju u sab li fl-għajnejn tagħha kien hemm mill-anqas tlettax-il figura fosthom familja ta' omm, missier u t-tfal. Wara li eżaminaw dawn il-figuri sabu li din kienet ix-xena ta' dawk il-persuni li kienu fil-kamra ma' l-isqof dak il-ħin li Diego fetaħ it-tilma u dehret ix-xbieha tal-Madonna.

Ta' min jistaqsi hawnhekk x'kien l-iskop tal-Madonna li tinqeda b'dawn iċ-ċirkustanzi meta kienet taf li fl-1531 meta dehret ħadd ma seta' joħlomhom u jsir jaf bihom? Dr. Aste Tousman fissirhom hekk:

- il-familja hija mportanti f'għajnejn il-Madonna
- billi jidhru nies kemm bojod u kemm ta' lewn skur ifisser li l-Madonna għaliha kulħadd xorta u r-razziżmu m'għandux ikun
- intużaw strumenti xjentifiċi moderni biex saru jafu dan mela l-Madonna trid li anki t-teknoloġija għandha sservi biex insaħħu t-twemmin tagħna.



L-Aztecs setgħu jaqraw ukoll x'kienu jfissru dawk il-fjuri li kellha fuq il-libsa. L-aktar waħda mportanti hija dik ta' erba' petali li hija l-unika waħda li hemm. Din qegħda fuq żaqqha eżatt taħt it-terħa s-sewda u flimkien ma' dik it-terħa jfissru li hija tqila. Għalihom din il-fjura tfisser dak kollu li hu ta' ġmiel, divin u tajjeb. Dan joqgħod perfettament għal Ġesu li għandha fil-ġuf u għarfuh bħala divin u fl-istess ħin uman għax se jitwieled minn mara umana. F'kelma waħda *inkarnazzjoni.*

Għarfu wkoll li qegħda tgħatti x-xemx li għalihom kien alla – mela hija aqwa minnu.



Qegħda tirfes il-qamar li kien alla ieħor – mela hi aqwa minn alla tagħhom u fl-istess ħin hi mhiex alla għax qegħda titlob. Mela hemm xi ħadd aqwa minnha. Anki kif qegħdin is-swaba ta' idha x-xellugija flimkien ma' idha l-leminija f'poża ta' talb juru li hemm is-saba' ż-żgħir għalih waħdu u tlieta oħra magħqudin flimkien. Ifissru tlett persuni tat-Trinita' u Alla wieħed. Mhux ta' b'xejn mela li fi żmien relattivament qasir sitt miljun Indjan ħaddnu l-Kristjaneżmu.

Dr Robert Sungenis fl-2007 ippublika studju li għamel fuq dawk il-kwiekeb li hemm huq il-mant tal-Madonna u anki fuq il-libsa stess għalkemm ma jidhrux imma hemm qegħdin. Dawn huma konstellazzjonijiet jiġifieri grupp ta' kwiekeb li huma fissi imma bħala grupp jiċċaqilqu skond iż-żmien tas-sena. Kif qegħdin fuq il-mant tal-Madonna huma eżattament bħalma kienu dak in-nhar tat-12 ta' Diċembru 1531. Fatt ieħor speċjali huwa li dawn il-kwiekeb qegħdin bħalma wiehed jarahom 'il barra mill-ispazju jiġifieru bil-maqlub ta' kif narawhom aħna fid-dinja.



Dawn jirrapreżentaw dan li ġej: kwiekeb ta' fuq rasha huma *corona borealis* li tfisser kuruna – Madonna reġina. Konstellazzjoni oħra hija *virgo* - verġni qegħda fuq il-qalb – Madonna verġni. Grupp li hemm fuq żaqqha ħdejn it-terħa hia *leo* iljun li tirreferi għal Kristu l-iljun ta' Ġuda: Apok, 5:5.

Dr Sungenis ikompli jfisser li għandha seba' kwiekeb fuq ix-xellug, sebgħa fuq il-lemin u sebgħa fuq żaqqha. Tlett gruppi – Trinita u sebgħa n-numru perfett fil-Bibbja.

Fernando Ojeda skopra li dawn il-kwiekeb jekk tagħmel sinjal vertikali u ieħor orizzontali jiġu jaqblu man-noti ta' tastiera tal-pjanu. Tant hu hekk meta Ojeda rranġa dawn in-noti skond kif titlob l-arti tal-mużika ħareġ b'partitura li rista' tindaqq faċilment kif fil-fatt ġara. *Link għall-mużika.*

Link: https://www.youtube.com/watch?v=bmh3v1YODSA

Hemm xi wħud li jgħidu lit-temperatura tat-tilma tkun fejn tkun hija dejjem ta' $37^0$C ($98.6^0$F) it-temeratura ta' ġisem uman. Hemm min imma li ma jaqbilx.

Fatt ieħor li mhux it-tobba kollha jaqblu fuqu hu li meta poġġew stetoskopju fuq dik it-terħa sewda tal-Madonna semgħu it-taħbit tal-qalb ta' tarbija mhix imwielda jiġifieri ta' 115-il taħbita fil-minuta.

Ħaġ'oħra meraviljuża hija li jekk tħares lejn it-tilma mill-viċin ħafna xi 10 ċentimetri 'l bogħod l-lwien jisparixxu u ma tara xejn ħlief il-ħajt tal-materjal li hija magħmula minnu t-tilma. Ukoll jekk wieħed iħares lejn wiċċ il-Madonna jara li l-lewn tal-karnaġġjon tagħha huwa kemmxejn oskur bħal ta' l-Aztecs imma jekk tersaq lura dan jibda jibjad u jsir bħal ta' l-Ewropej. Dan fissruh bħala li l-Madonna hija omm kemm tan-nies somor u kemm tal-bojod.




Niġu issa biex nagħtu ħarsa lejn għajnejn il-Madonna. Minbarra l-fatt kurjuż li fihom hemm speċi ta' ritratt kif kienet il-kamra fejn Diegu ppreżenta t-tilma bil-ward lill-isqof professuri tal-għajnejn skoprew ukoll li meta dawl qawwi jintefa' fuqhom dawn jiċkienu bħalma jagħmlu l-għajnejn ta' kull maħluq u meta d-dawl jintefa dawn jerġgħu jiġu għan-normal. Professur tal-għajnejn Ġappuniż kien qiegħed jeżamina għajnejha u

f'daqqa waħda intilef minn sensih. Meta stejqer u staqsewh x'kien ġralu qallhom li nħasad għax il-Madonna kienet qegħda tħares lejh!

Minn studju fuq it-tilma li jsir minn żmien għal żmien sabu li kemm ix-xemx li hemm warajha u kemm il-qamar li hemm taħt riġlejha u anki l-kwiekeb ta' fuq il-mantar qegħdin jitfu kulma jmur maż-żmien fil-waqt li x-xbieha tal-Madonna għadha kif kienet oriġinarjament. Dan jqabel perfettament ma' kliem Kristu (Lq 21:33): *ix-xemx u l-qamar jgħaddu imma kliemi ma jgħaddix.* l-Madonna liebsa wkoll ġiżirana żgħira u ma' din il-ġiżirana hemm salib żgħir iswed. Dan is-salib fil-ġiżirana hu l-uniku simbolu li jixhed il-passjoni ta' Kristu. Imkien iżjed f'din ix-xbieha ma hemm xi ħaġa tixbħu. Jekk hemm s'issa għadhom ma skoprewhiex.

Meta l-parlament tan-New Mexico għadda l-liġi ta' l-abort dak il-ħin stess ix-xbieha tal-Madonna bdiet tintefa u dawl qawwi deher taħt it-terħa s-sewda tal-Madonna biex turi li min kellha se jiwieled inħasad b'dak li kien qed isir. Dan setgħu jarawh l-eluf ta' pellegrini u turisti li kienu fi-bażilika dak il-ħin.

Darba minnhom meta ġew biex jagħmlu ħġieġa biex jipproteġu t-tilma min ħa l-qies ħa żball u l-ħġieġa saret kemmxejn iżgħar mit-tilma. X'għamlu? Qatgħu ftit ħajt minnha minn fuq u minn isfel biex setgħat toqgħod eżatt. Xi żewġ jew tliet ħajtiet minn dan bagħtuhom lil ċertu Richard Kuhn li fl-1938 ingħata il-premju Nobel fil-*bio chemistry.* Issa dan Kuhn kien atew u ma jemmen b'xejn. Meta eżamina dawn il-ħajt li kienu sofor u ħomor u li ebda żebgħa ta' din ix-xorta ma teżisti fid-dinja tant impressjona ruħu li ddeċieda li jsir kattoliku.

L-aħħar skoperta kienet li mdendla ma' idha x-xellugija għandha kuruna tar-Rużarju.

L-ewwel basilika lil Madonna inbniet fl-1536 wara ħames snin tad-dehra tagħha fuq l-għolja Tepeyac u li għadha hemm sallum. Imma ġara li l-bini beda jiddgħajjef matul is-snin u l-eluf ta' nies li kienu jżuruha ma kinitx tesagħhom.

Għalhekk iddeċidew li jibnu oħra bejn 1974 u 1976. Din hi basilika enormi li tesa' mal-20,000 ruħ. Jekk jinfetħu l-bibien li hemm madwar in-nies li jkunu jistgħu jipparċepitaw u jaraw x'ikun qed isir ġewwa ilaħħqu mal-40,000.

Il-festa tagħha taħbat fit-12 ta' Diċembru.